DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 38/2012

tat-30 ta' Marzu 2012

li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) tal-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat permezz tal-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness I tal-Ftehim ġie emendat mid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 5/2012 tal-10 ta' Frar 2012 ([1]).

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 26/2011 tal-14 ta' Jannar 2011 dwar l-awtorizzazzjoni tal-vitamina E bħala addittiv fl-għalf għall-ispeċi kollha tal-annimali ([2]), għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(3) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 881/2011 tat-2 ta' Settembru 2011 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1137/2007 fir-rigward tal-kompożizzjoni additiva tal-preparazzjoni ta' *Bacillus subtilis* DSM 17299 (detentur tal-awtorizzazzjoni Chr. Hansen A/S) u l-użu tiegħu fl-għalf li fih l-aċidu formiku ([3]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(4) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 885/2011 tal-5 ta' Settembru 2011 dwar l-awtorizzazzjoni tal-*Bacillus subtilis* (ATCC PTA-6737) bħala addittiv tal-għalf għat-tiġieġ imrobbijin biex ibidu, il-papri għat-tismin, is-summien, il-faġani, il-perniċi, il-fargħuni, il-ħamiem, il-wiżż għat-tismin u n-nagħm (id-detentur tal-awtorizzazzjoni Kemin Europa N.V.) ([4]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(5) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 886/2011 tal-5 ta' Settembru 2011 dwar l-awtorizzazzjoni tas-6-fitaži (EC 3.1.3.26) prodott minn *Trichoderma reesei* (CBS 122001) bħala addittiv tal-għalf għall-ħnieżer nisa (detentur tal-awtorizzazzjoni Roal Oy) ([5]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(6) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 887/2011 tal-5 ta' Settembru 2011 dwar l-awtorizzazzjoni tal-*Enterococcus faecium* CECT 4515 bħala addittiv tal-għalf għat-tiġieġ tas-simna (detentur tal-awtorizzazzjoni Lactosan GmbH & Co SA) ([6]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(7) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 888/2011 tat-5 ta' Settembru 2011 li jikkonċerna l-awtorizzazzjoni ta' diklażuril bħala addittiv tal-għalf għat-tiġieġ għat-tismin (detentur tal-awtorizzazzjoni Janssen Pharmaceutica N.V.) u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2430/1999 ([7]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(8) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 900/2011 tas-7 ta' Settembru 2011 dwar l-awtorizzazzjoni tal-lasaloċid A sodju bħala addittiv tal-għalf għall-faġani, il-fargħuni, is-summien u l-perniċi għajr l-għasafar għall-bajd (detentur tal-awtorizzazzjoni Alpharma (il-Belġju) BVBA) ([8]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(9) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1068/2011 tal-21 ta' Ottubru 2011 dwar l-awtorizzazzjoni ta' preparazzjoni enżimatika ta' endo-1,4-beta-ksilanaża prodotta minn *Aspergillus niger* (CBS 109.713) u endo-1,4-beta-glukanaża prodotta minn *Aspergillus niger* (DSM 18404) bħala addittiv fl-għalf għal tiġieġ imrobbija għall-bajd, dundjani għal skopijiet ta' tgħammir, dundjani mrobbija għat-tgħammir, speċijiet minuri ta' tjur oħrajn (għajr il-papri għas-simna) u għasafar ornamentali (detentur tal-awtorizzazzjoni BASF SE) ([9]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(10) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1074/2011 tal-24 ta' Ottubru 2011 dwar l-awtorizzazzjoni tas-Saccharomyces cerevisiae NCYC R-625 bħala addittiv għall-għalf tal-ħnienes miftuma (id-detentur tal-awtorizzazzjoni Integro Gida SAN. ve TIC. A.S. rappreżentat minn RM Associates Ltd) ([10]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim

([1]) ĠU L 161, 21.6.2012, p. 8.
([2]) ĠU L 11, 15.1.2011, p. 18.
([3]) ĠU L 228, 3.9.2011, p. 9.
([4]) ĠU L 229, 6.9.2011, p. 3.
([5]) ĠU L 229, 6.9.2011, p. 5.
([6]) ĠU L 229, 6.9.2011, p. 7.
([7]) ĠU L 229, 6.9.2011, p. 9.
([8]) ĠU L 231, 8.9.2011, p. 15.
([9]) ĠU L 277, 22.10.2011, p. 11.
([10]) ĠU L 278, 25.10.2011, p. 5.

(11) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1088/2011 tat-27 ta' Ottubru 2011 li jikkonċerna l-awtorizzazzjoni ta' preparazzjoni ta' enżim ta' endo-1,4-beta-ksinalaża prodotta minn *Trichoderma reesei* (MULC 49755), u endo-1,3(4)-beta-glukanaża prodotta minn *Trichoderma reesei* (MULC 49754) bħala addittiv fl-għalf għall-ħnienes miftuma (detentur tal-awtorizzazzjoni Aveve NV) [1] għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(12) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1110/2011 tat-3 ta' Novembru 2011 li jikkonċerna l-awtorizzazzjoni ta' preparazzjoni enżimatika ta' endo-1,4-beta-ksinalaża prodotta minn *Trichoderma reesei* (CBS 114044), addittiv fl-għalf għat-tiġieġ li jbidu, speċi minuri tat-tjur u ħnieżer għat-tismin (detentur tal-awtorizzazzjoni Roal Oy) [2] għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(13) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1111/2011 tat-3 ta' Novembru 2011 dwar l-awtorizzazzjoni ta' *Lactobacillus plantarum* (NCIMB 30236) bħala addittiv fl-għalf għall-ispeċi kollha tal-annimali [3], għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(14) Din id-Deċiżjoni tikkonċerna l-leġiżlazzjoni li tolqot oġġetti tal-għalf. Il-leġiżlazzjoni dwar oġġetti tal-għalf ma tapplikax għal-Liechtenstein sakemm l-applikazzjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar il-kummerċ fi prodotti agrikoli tiġi estiża għal-Liechtenstein, kif speċifikat fl-adattamenti settorjali għall-Anness I ta' mal-Ftehim. Din id-deċiżjoni, għalhekk, m'għandhiex tapplika għal-Liechtenstein,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Kapitolu II tal-Anness I ta' mal-Ftehim jiġi emendat kif ġej:

1. L-inċiż li ġej jiżdied fil-punt 1k (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2430/1999):

"— **32011 R 0888**: Ir-Regolament ta' Implimentazjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 888/2011 tal-5 ta' Settembru 2011 (ĠU L 229, 6.9.2011, p. 9).";

2. L-inċiż li ġej jiżdied fil-punt 1zzzy (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1137/2007):

"— **32011 R 0881**: Ir-Regolament ta' Implimentazjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 881/2011 tat-2 ta' Settembru 2011 (ĠU L 228, 3.9.2011, p. 9).";

3. Il-punti li ġejjin jiddaħħlu wara l-punt 2zj (ir-Regolament ta' Implimentazjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 868/2011):

"2zk. **32011 R 0026**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 26/2011 tal-14 ta' Jannar 2011 dwar l-awtorizzazzjoni tal-vitamina E bħala addittiv fl-għalf għall-ispeċi kollha tal-annimali (ĠU L 11, 15.1.2011, p. 18).

2zl. **32011 R 0885**: Ir-Regolament ta' Implimentazjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 885/2011 tal-5 ta' Settembru 2011 dwar l-awtorizzazzjoni tal-*Bacillus subtilis* (ATCC PTA-6737) bħala addittiv tal-għalf għat-tiġieġ imrobbijin biex ibidu, il-papri għat-tismin, is-summien, il-faġani, il-perniċi, il-fargħuni, il-ħamiem, il-wiżż għat-tismin u n-nagħm (id-detentur tal-awtorizzazzjoni Kemin Europa N.V.) (ĠU L 229, 6.9.2011, p. 3).

2zm. **32011 R 0886**: Ir-Regolament ta' Implimentazjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 886/2011 tal- 5 ta' Settembru 2011 dwar l-awtorizzazzjoni tas-6-fitaži (EC 3.1.3.26) prodott minn *Trichoderma reesei* (CBS 122001) bħala addittiv tal-għalf għall-ħnieżer nisa (detentur tal-awtorizzazzjoni Roal Oy) (ĠU L 229, 6.9.2011, p. 5).

2zn. **32011 R 0887**: Ir-Regolament ta' Implimentazjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 887/2011 tal-5 ta' Settembru 2011 dwar l-awtorizzazzjoni tal-preparazzjoni tal-*Enterococcus faecium* CECT 4515 bħala addittiv tal-għalf għat-tiġieġ tas-simna (detentur tal-awtorizzazzjoni Norel SA) (ĠU L 229, 6.9.2011, p. 7).

2zo. **32011 R 0888**: Ir-Regolament ta' Implimentazjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 888/2011 tal-5 ta' Settembru 2011 li jikkonċerna l-awtorizzazzjoni ta' diklażuril bħala addittiv tal-għalf għad-dundjani għat-tismin (detentur tal-awtorizzazzjoni Janssen Pharmaceutica N.V.) u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2430/1999 (ĠU L 229, 6.9.2011, p. 9).

2zp. **32011 R 0900**: Ir-Regolament ta' Implimentazjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 900/2011 tas-7 ta' Settembru 2011 dwar l-awtorizzazzjoni tal-lasaloċid A sodju bħala addittiv tal-għalf għall-faġani, il-fargħuni, is-summien u l-perniċi għajr l-għasafar għall-bajd (detentur tal-awtorizzazzjoni Alpharma (il-Belġju) BVBA) (ĠU L 231, 8.9.2011, p. 15).

2zq. **32011 R 1068**: Ir-Regolament ta' Implimentazjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1068/2011 tal-21 ta' Ottubru 2011 dwar l-awtorizzazzjoni ta' preparazzjoni enżimatika ta' endo-1,4-beta-ksilanaża prodotta minn *Aspergillus niger* (CBS 109.713) u endo-1,4-beta-glukanaża prodotta minn *Aspergillus niger* (DSM 18404) bħala addittiv fl-għalf għal tiġieġ imrobbija għall-bajd, dundjani għal skopijiet ta' tgħammir, dundjani mrobbija għat-tgħammir, speċijiet minuri ta' tjur oħrajn (għajr il-papri għas-simna) u għasafar ornamentali (detentur tal-awtorizzazzjoni BASF SE) (ĠU L 277, 22.10.2011, p. 11).

[1] ĠU L 281, 28.10.2011, p. 14.
[2] ĠU L 287, 4.11.2011, p. 27.
[3] ĠU L 287, 4.11.2011, p. 30.

2zr. **32011 R 1074**: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1074/2011 tal-24 ta' Ottubru 2011 dwar l-awtorizzazzjoni tas-Saccharomyces cerevisiae NCYC R-625 bħala addittiv għall-għalf tal-ħnienes miftuma (id-detentur tal-awtorizzazzjoni Integro Gida SAN. ve TIC. A.S. rappreżentat minn RM Associates Ltd) (ĠU L 278, 25.10.2011, p. 5).

2zs. **32011 R 1088**: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1088/2011 tat-27 ta' Ottubru 2011 li jikkonċerna l-awtorizzazzjoni ta' preparazzjoni ta' enżim tal-endo-1,4-beta-ksinalaži prodotta minn *Trichoderma reesei* (MULC 49755), u tal-endo-1,3(4)-beta-glukanaži prodotta minn *Trichoderma reesei* (MULC 49754) bħala addittiv tal-għalf għall-ħnienes miftuma (detentur tal-awtorizzazzjoni Aveve NV) (ĠU L 281, 28.10.2011, p. 14).

2zt. **32011 R 1110**: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1110/2011 tat-3 ta' Novembru 2011 li jikkonċerna l-awtorizzazzjoni ta' preparazzjoni enżimatika ta' endo-1,4-beta-ksinalaži prodotta minn *Trichoderma reesei* (CBS 114044), addittiv fl-għalf għat-tiġieġ li jbidu, speċi minuri tat-tjur u ħnieżer għat-tismin (detentur tal-awtorizzazzjoni Roal Oy) (ĠU L 287, 4.11.2011, p. 27).

2zu. **32011 R 1111**: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1111/2011 tat-3 ta' Novembru 2011 dwar l-awtorizzazzjoni tal-*Lactobacillus plantarum* (NCIMB 30236) bħala addittiv fl-għalf għall-ispeċi kollha tal-annimali (ĠU L 287, 4.11.2011, p. 30).".

Artikolu 2

It-testi tar-Regolament (UE) Nru 26/2011, ir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 881/2011, (UE) Nru 885/2011, (UE) Nru 886/2011, (UE) Nru 887/2011, (UE) Nru 888/2011, (UE) Nru 900/2011, (UE) Nru 1068/2011, (UE) Nru 1074/2011, (UE) Nru 1088/2011, (UE) Nru 1110/2011 u (UE) Nru 1111/2011 fil-lingwa Islandiża u f'dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2012, sakemm in-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippublikata fit-Taqsima ŻEE u fis-Suppliment ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Marzu 2012.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

L-Aġent President

Gianluca GRIPPA

(*) Ma huma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.